

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

tas-27 ta' Ġunju 2014

li tipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea

(2014/414/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(7) tiegħu,

Billi

- (1) L-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li, b'kont meħud tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u wara li kienu saru l-konsultazzjonijiet adatti, il-Kunsill Ewropew jipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea,.
- (2) L-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew saru bejn it-22 u l-25 ta' Mejju 2014, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/299/UE, Euratom <sup>(1)</sup>.
- (3) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Nru 11 annessa għall-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adotta t-Trattat ta' Lisbona, ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew għamlu l-konsultazzjoni meħtieġa.
- (4) Għalhekk, għandu jiġi propost kandidat lill-Parlament Ewropew għal President tal-Kummissjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Is-Sur Jean-Claude JUNCKER huwa b'dan propost lill-Parlament Ewropew għal President tal-Kummissjoni Ewropea.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

H. VAN ROMPUY

---

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/299/UE, Euratom tal-14 ta' Ġunju 2013 li tiffissa l-perijodu għat-tmien elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali (ĠU L 169, 21.6.2013, p. 69).